Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea

(2011/C 227/05)

Skont it-tieni inċiż tal-Artikolu 9(1)(a) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni [1], in-Noti ta' Spjega għan-Nomenklatura Magħquda tal-Unjoni Ewropea [2] huma emendati kif ġej:

Paġna 46

Il-paragrafu li ġej għandu jiżdied qabel l-intestatura "**0711**":

"**0710 Ħxejjex (mhux imsajrin jew imsajrin fuq il-fwar jew mgħollijin), iffriżati**

L-espressjoni 'iffriżati' kif iddefinita fin-Noti ta' Spjega SA ma' dan il-kapitolu, it-tielet paragrafu, għandha tidher ukoll skont il-kriterji stipulati fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-kawża 120/75. B'analoġija, wara l-interpretazzjoni tal-Qorti ta' dawn il-kriterji fis-sentenza tagħha fil-kawża C-423/09, il-proċess tal-iffriżar għandu jwassal għal tibdiliet sostanzjali u irriversibbli, bir-riżultat li l-prodott ma jibqax fl-istat naturali tiegħu.

Għaldaqstant, il-prodotti jkunu 'iffriżati' meta l-prodotti li jkunu soġġetti għal proċessi tal-iffriżar jgħaddu minn tibdiliet irriversibbli b'riżultat ta' dan l-istess proċess, b'mod partikolari fl-istruttura taċ-ċelloli, bir-riżultat li dawn il-prodotti ma jibqgħux fl-istat naturali tagħhom, anke wara li jibdew jinħallu jew ikunu nħallu."

Paġna 53

L-ewwel paragrafu tal-intestatura "**0811**" hu sostitwit b'dan li ġej:

"L-espressjoni 'iffriżati' kif iddefinita fin-Noti ta' Spjega HS ta' ma' dan il-kapitolu, it-tieni paragrafu, wieħed għandu jaraha wkoll skont il-kriterji stipulati fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea fil-kawża 120/75. B'analoġija, wara l-interpretazzjoni tal-Qorti ta' dawn il-kriterji fis-sentenza tagħha fil-kawża C-423/09, il-proċess tal-iffriżar għandu jwassal għal tibdiliet sostanzjali u irriversibbli, bir-riżultat li l-prodott ma jibqax fl-istat naturali tiegħu.

Għaldaqstant, il-prodotti jkunu 'iffriżati' meta l-prodotti li jkunu soġġetti għal proċessi tal-iffriżar jgħaddu minn tibdidliet irriversibbli b'riżultat ta' dan l-istess proċess, b'mod partikolari fl-istruttura taċ-ċelloli, bir-riżultat li dawn il-prodotti ma jibqgħux fl-istat naturali tagħhom, anke wara li jibdew jinħallu jew ikunu nħallu."

---

[1] ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.
[2] ĠU C 137, 6.5.2011, p. 1.